**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 69/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Leanne Galea**

Illum 24 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellata **Leanne Galea**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 79176(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Frar 2016 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. operat, ippromwoviet, biegħet jew ipparteċipat fi, jew b'xi mod li jkun, għenet jew ħajjret l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħba mhux awtorizzata;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, biegħet logħbiet li jagħmlu parti mil-liċenzja għall-Lotterija Nazzjonali meta ma kellhiex pussess validu maħruġ mill-Awtorita' kompetenti;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamlitha ta' riċevitur ta' ġugati tal-lottu meta ma kinitx awtorizzata għaldaqshekk mill-Ministru kompetenti;

4. fl-istess data, ħin ,lok u ċirkostanzi, biegħet jew offriet għall-bejgħ biljetti tal-lottu pubbliku f'post li ma kienx maħtur għaldaqshekk;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkommettiet reat waqt li kienet taħt ordni operattiva ta' sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. I. Farrugia LL.D. nhar l-10 ta' Diċembru 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar 2018, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 6 u 36 tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 13 u 14 tal-Kapitolu 70 tal-Liġijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tagħha u lliberata minnhom.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fis-26 ta' Frar 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellata ħatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontriha mill-Prosekuzzjoni u tinfliġġi piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' Frar 2018. Fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Avukat Ġenerali jressaq żewġ aggravji li ser jiġu kkunsidrati separatament hawn taħt.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju huwa dwar l-ewwel erba' imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellata. L-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li għalkemm ir-rappreżentant tal-*Maltco Lotteries* xehed li Galea ma nstabitx li kellha liċenzja rikjesta bil-liġi, l-Ewwel Qorti kkunsidrat ix-xiehda tiegħu bħala nieqsa mill-konnotati kollha ta' Galea u qieset din ix-xiehda bħala waħda wisq ġenerika u li ma tikkostitwixxiex prova li l-appellata ma kellhiex liċenzja biex tbiegħ il-logħob u l-lottu. Jargumenta li l-identita' tal-appellata kienet stabbilita mill-bidu nett permezz taċ-ċertifikat tat-twelid tagħha u li ma kienet tressqet ebda eċċezzjoni dwar l-identita' tagħha. Jisħaq li Dr. Matthew Galea Debono in rappreżentanza ta' *Maltco Lotteries* xehed is-segwenti (*a fol.* 30):

> "Issa fil-prattika, l-MGA jilliċenzjaw biss nies li nirrakkomandaw aħna bħala soċjeta' liċenzjata li

niġġestixxu n-negozju tal-lotterija nazzjonali. Li nixtieq inġib quddiem il-Qorti huwa li wara r-riċerka estensiva l-isem tas-sinjura Galea ma nstab fl-ebda *records* tal-kumpanija."

Illi l-appellant jisħaq li meta l-Ewwel Qorti staqsiet lir-rappreżentant in kwistjoni jekk Galea kinitx liċenzjata, ir-risposta tiegħu kienet (*a fol.* 30): *"Mija fil-mija mhux il-każ"*. L-appellant jgħid li ma hemmx dubju dwar min kien qed jixhed ir-rappreżentant tal-*Maltco Lotteries* u li l-Ewwel Qorti għamlet il-mistoqsijiet lix-xhud in kwistjoni. Apparti minn dan, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi dwar Artikolu 20A ta' Kapitolu 70 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

"Kull min jinsab li jkollu pussess mhux awtorizzat ta' –

(a) għodod tal-logħob;
(b) reġistri li normalment jintużaw għal-logħob; u
(c) oġġett jew mezzi oħra li normalment jintużaw sabiex il-lottu jsir bil-moħbi, bħal kupuni, poloz, kartelli, matiċitajiet, *counterfoils*, tikketti tal-ħlas jew biljetti tal-lottu bil-moħbi f'tali kwantita' li tkun tista' b'mod raġonevoli tagħti x'wieħed jifhem li dik il-persuna tkun qegħda torganizza lottu bil-moħbi,

għandu jkun preżunt li jkun qiegħed jieħu sehem f'lottu bil-moħbi kemm-il darba ma tinġiebx prova xort'oħra."

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jargumenta li ġialadarba l-appellata nstabet fil-pussess ta' ktejjeb żgħir li kien fih diversi numri b'ammonti ħdejhom, liema ktieb kien jista' jagħti wieħed x'jifhem li l-appellata kienet qegħda torganizza l-lottu bil-moħbi, kien jinkombi fuqha biex tipprova li hija ma kinitx qegħda tieħu sehem f'lottu bil-moħbi.

Illi dwar dan l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- L-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Paula Ciantar eżebiet ktejjeb liema ktejjeb kien instab fil-baskett tal-appellata u liema ktejjeb fih numri u ammonti. L-istess Uffiċjal Prosekutur xehdet li fil-*mobile* instabu ħafna messaġġi bl-istess tip ta' numri u ammonti li hemm miktubin fil-ktejjeb.

- Jirriżulta li t-tfittxija għal ktejjeb kienet saret mill-uffiċjal tal-Pulizija Kimberley Camilleri li kkonfermat li l-ktejjeb eżebiet kien il-ktejjeb li nstab.

- Mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minn Dr. Matthew Galea Debono (avukat intern tas-soċjeta' *Maltco Lotteries*) jirriżulta hekk (*a fol.* 30):

Xhud: "[...S]kont il-Liġi biex wieħed ibigħ il-lottu jrid ikun liċenzjat mill-MGA. Issa fil-prattika, l-MGA jilliċenzjaw biss nies li nirrakkomandaw aħna bħala soċjeta' liċenzjata li niġġestixxu n-negożju tal-lotterija nazzjonali. Li nixtieq inġib quddiem din il-Qorti hija illi wara riċerka estensiva l-isem tas-sinjura Galea ma nstabx fl-ebda *records* tal-kumpanija."

Qorti: "Ma hiex liċenzjata?"

Xhud: "Mija fil-mija mhux il-każ."

Qorti: "Mhux liċenzjata".

- Dr. Steven Farrugia Sacco (l-espert maħtur mill-Ewwel Qorti) xehed li kien ġabar l-informazzjoni kollha u li mbagħad illimitaha għal dak ordnat mill-Ewwel Qorti fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 18). Huwa żied jgħid li kien hemm kważi tmien mitt faċċata ta' messaġġi u li kien poġġiehom fuq CD (*a fol.* 41). Fir-rapport tiegħu huwa ssottometta li ħa in konsiderazzjoni dak kollu li huwa rilevanti għall-każ waqt li spjega l-metodu li uża għall-estrazzjoni tal-informazzjoni.

- Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet li x-xiehda ta' Dr. Matthew Galea Debono in rappreżentanza ta' *Maltco Lotteries* kienet nieqsa mill-konnotati kollha tal-appellata allura imputata u li għalhekk ix-xiehda tiegħu kienet wisq ġenerika u li fiċ-ċirkostanzi ma kinitx prova li l-appellata ma kellhiex il-liċenzja biex tbiegħ il-logħob.

Illi din il-Qorti tinnota mal-ewwel li ma taqbel xejn mar-raġunament milħuq mill-Ewwel Qorti fir-rigward tad-depożizzjoni mogħtija minn Dr. Matthew Galea Debono hekk kif imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan. Għandu jingħad li jekk xhud jitwemminx jew le ma jiddependix fuq jekk il-konnotazzjonijiet humiex inklużi jew le. Jirriżulta li x-xhud intalab jagħmel riċerka jekk l-appellata kellhiex liċenzja li tbiegħ il-lottu jew le u mix-xiehda tiegħu kif riprodotta hawn fuq jirriżulta bl-aktar mod ċar li kien żgur dwar dak li kien qed jgħid. Tant kien ċert minn dak li qed jgħid li wara li l-Ewwel Qorti staqsietu (*a fol.* 30): *"Ma hix liċenzjata?"* , huwa wieġeb (*a fol.* 30): *"Mija fil-mija mhux il-każ"*. Dan kollu juri li x-xhud kien jaf fuq min u fuq xiex kien qed jixhed. B'hekk ix-xiehda tiegħu għandha kemm iċ-ċarezza kif ukoll il-kjarezza tal-kontenut.

Illi fl-aħħar parti tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant Avukat Ġenerali jirreferi għall-preżunzjoni li toħroġ minn Artikolu 20A tal-Kapitolu 70 tal-Liġijiet ta' Malta. Waqt is-sottomissjonijiet finali mismugħa quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-konsulent legali tal-appellata ma qabilx mal-interpretazzjoni tal-liġi li ta l-appellant Avukat Ġenerali u nsista li hija l-Prosekuzzjoni li trid iġġib il-prova u qabblet din id-dispożizzjoni ma' dik li tinstab f'Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, din il-Qorti tinnota li kif fid-droga l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-prova li l-persuna akkużata kien fil-pussess ta' xi sustanza li tenħtieġ liċenzja, hekk ukoll il-Prosekuzzjoni trid iġġib il-prova li l-persuna in kwistjoni kellha fil-pussess tagħha affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-bejgħ tal-lottu mingħajr liċenzja. Dan il-Prosekuzzjoni għamlitu. Ma' dan, din il-Qorti żżid tgħid li f'Kapitolu 70 tal-Liġijiet ta' Malta hemm preżunzjoni li jekk ikollok xi wieħed mill-affarijiet imniżżla

fl-artikolu msemmi, allura jinkombi fuq il-persuna akkużata li ġġib prova li hija ma kinitx qed tbiegħ il-lottu bla liċenzja. Dan ma sarx mill-persuna appellata allura imputata.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, mix-xiehda mogħtija mill-uffiċjali tal-Pulizija, mill-ktejjeb eżebit u mir-rapport tal-espert maħtur mill-Ewwel Qorti jirriżulta sodisfaċentement ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi li l-appellata kienet qed tbiegħ il-lottu bla ma kienet liċenzjata. Isegwi għalhekk li l-appellata għandha tinstab ħatja tal-ewwel erba' imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħha bit-tieni (2), bit-tielet (3) u bir-raba' (4) imputazzjoni jkunu assorbiti fl-ewwel (1) imputazzjoni. B'hekk l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali qed ikun milqugħ.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa dwar il-ħames (5) imputazzjoni. Jisħaq li ġialadarba l-appellata kellha tinsab ħatja tal-ewwel erba' imputazzjonijiet hija kellha tinsab ħatja wkoll tal-ħames (5) imputazzjoni. Fi kliem l-appellant Avukat Ġenerali (*a fol.* 62): *"per konsegwenza, l-appellata kellha ukoll tinsab ħatja tal-ħames imputazzjoni, ċioè li kkommettiet reat waqt li kienet taħt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża [sic!] mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, preseduta mill-Maġistrat Dr. I. Farrugia LL.D. nhar l-10 ta' Diċembru 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula."*

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li mis-sentenza li ġiet eżebita fl-atti proċesswali (*a fol.* 9) jirriżulta li din ingħatat fl-10 ta' Diċembru 2013 u li l-appellata kienet ġiet liberata bil-kondizzjoni li ma tagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin u mhux kif qal l-Avukat Ġenerali hekk kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti. Minkejja dan, din il-Qorti ma jirriżultalhiex jekk din is-sentenza in kwistjoni kinitx waħda verament definittiva. Għaldaqstant, it-tieni aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellata ħatja tal-ħames (5) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellata ħatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u minflok, wara li rat Artikoli 6 u 36 tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 13 u 14 tal-Kapitolu 70 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-appellata ħatja tal-imputazzjonijiet imsemmija (u ċioè tal-ewwel erba' imputazzjonijiet) u tikkundanna lill-appellata għal ħlas ta' multa ta' sebat elef Euro (€7,000) li b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Euro (€200), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi kemm il-darba l-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**